

32006R1255

22.8.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 228/3

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1255/2006

tal-21 ta' Awwissu 2006

li li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1431/94 li jistabbilixxi regoli ddettaljati sabiex jiġu applikati, fis-settur tal-laħam tat-tjur, l-arranġamenti tal-importazzjonijiet ipprovduti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) No 774/94 li jiftaħ u jipprovdni għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tat-tariffa tal-Komunità għal-laħam tat-tjur u ċerti prodotti oħra agrikoli

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2777/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tat-tjur ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1431/94 ⁽²⁾ jipprovdni għall-ftuħ u l-amministrazzjoni, fuq bażi multi-annwali, ta' għadd ta' kwoti ta' importazzjonijiet tal-laħam tat-tjur.
- (2) Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 ⁽³⁾, approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/333/KE ⁽⁴⁾, jipprovdni għal żieda tal-kwota tariffarja annwali tal-importazzjoni tal-laħam tat-tjur, *erga omnes*, ta' 2 485 tonnellata għal ċerti biċċiet iffriżati tad-dundjan.
- (3) Minħabba l-possibilità ta' adeżjoni mill-1 ta' Jannar 2007 tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea, ikun għaqli jekk jingħata perijodu differenti għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet tal-liċenzji għall-ewwel tliet xhur tas-sena 2007.
- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 1431/94 għandu jiġi emendat kif xieraq.

- (5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Amministrattiv għal-Laħam tat-Tjur u għall-Bajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1431/94 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 3, il-punt (c) jinbidel b'dan li ġej:

“(c) It-taqsimha 8 tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji u għal-liċenzji għandha turi l-pajjiż tal-oriġini; il-liċenzji għandhom iġorru magħhom l-obbligazzjoni tal-importazzjoni mill-pajjiż indikat apparti milli għal gruppi 3, 5 u 6.”

- (2) L-Artikolu 4 jiġi emendat kif ġej:

- (a) Fil-paragrafu 1 għandu jizjed is-subparagrafu li ġej:

“Madankollu, għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2007 l-applikazzjonijiet tal-liċenzja għandhom jiġu ppreżentati matul l-ewwel sebat ijiem ta' Jannar 2007.”

- (b) Fil-paragrafu 2, it-tielet subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

“Madankollu, fil-każ tal-gruppi 3, 5 u 6 kull wieħed mill-applikanti jista' jippreżenta iktar minn applikazzjoni waħda għal-liċenzji tal-importazzjoni għall-prodotti fi grupp wieħed, meta dawn il-prodotti joriġinaw f'aktar minn pajjiż wieħed. Iridu jiġu ppreżentati applikazzjonijiet separati għal kull wieħed mill-pajjiżi tal-oriġini fl-istess waqt lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru. Għandhom jiġu kkunsidrati, f'dak li jirrigwarda l-massimu msemmi fl-Artikolu 3(b) kif ukoll f'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tar-regola fis-sottoparagrafu ta' qabel, bħala applikazzjoni waħda.”

- (3) L-Annessi huma mibdula bit-test fl-Anness għal dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠU L 282, 1.11.1975, p. 77. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 679/2006. (ĠU L 119, 4.5.2006, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 156, 23.6.1994, p. 9. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1043/2001 (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 24).

⁽³⁾ ĠU L 124, 11.5.2006, p. 15

⁽⁴⁾ ĠU L 124, 11.5.2006, p. 13.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-1 ta' Lulju 2006.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Awwissu 2006.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

"ANNEX I

0 % DAZJU TAT-TARIFFA DOGANALI KOMUNI**Tiġieġ**

Pajjiż	Nru tal-grupp	Numru tas-serje	Il-Kodiċi NM	Kwantitajiet annwali (il-piż tal-prodotti f'tunnellati)
Il-Brażil	1	09.4410	0207 14 10 0207 14 50 0207 14 70	7 100
It-Tajlandja	2	09.4411	0207 14 10 0207 14 50 0207 14 70	5 100
Oħrajn	3	09.4412	0207 14 10 0207 14 50 0207 14 70	3 300

It-Turkija

Pajjiż	Nru tal-grupp	Numru tas-serje	Il-Kodiċi NM	Kwantitajiet annwali (il-piż tal-prodotti f'tunnellati)
Il-Brażil	4	09.4420	0207 27 10 0207 27 20 0207 27 80	1 800
Oħrajn	5	09.4421	0207 27 10 0207 27 20 0207 27 80	700
<i>Erga omnes</i>	6	09.4422	0207 27 10 0207 27 20 0207 27 80	2 485

ANNEX II

APPLIKAZZJONI TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 1431/94

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej — DĠ għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Unità D.2 — Implimentazzjoni ta' miżuri tas-suq

Is-settur tal-laħam tat-tjur

Applikazzjoni għal-liċenzji għal importazzjoni ta' 0 % dazju tat-Tariffa Doganali Komuni	Data:	Perjodu:
---	-------	----------

Stat Membru:

Mingħand:

Persuna li tista' tiġi kkuntattjata:

Telefon.

Faks.:

Min qed jirċievi n-notifika: AGRID.2

Faks: + 32 2 292 17 41

indirizz tal-posta elettronika: AGRI-IMP-POULTRY@ec.europa.eu

Numru tas-serje	Kwantità li ssir applikazzjoni għaliha (il-piż tal-prodotti f'kg)

ANNEX III

L-APPLIKAZZJONI TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 1431/94

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej — DĠ għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

Unità D.2 — Implimentazzjoni ta' miżuri tas-suq

Is-settur tal-laħam tat-tjur

Applikazzjoni għal-liċenzji għal importazzjoni ta' 0 % dazju tat-Tariffa Doganali Komuni	Data:	Perjodu:
---	-------	----------

Stat Membru:

Numru tas-serje	Kodiċi NM	Applikant (Isem u Indirizz)	Oriġini	Il-kwantità (il-piż tal-prodotti f'kg)

ANNEX IV

L-APPLIKAZZJONI TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 1431/94

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej — DĠ għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Unità D.2 — Implimentazzjoni ta' miżuri tas-suq

Is-settur tal-laħam tat-tjur

NOTIFIKA DWAR L-IMPORTAZZJONIJIET ATTWALI

Stat Membru:

Applikazzjoni tal-Artikolu 4(7) tar-Regolament (KE) Nru 1431/94

Kwantità tal-prodotti (skont il-piż tal-prodotti f'kg) attwalment importati:

Min qed jirċievi n-notifika: AGRI.D.2

Faks: + 32 2 292 17 41

indirizz tal-posta elettronika: AGRI-IMP-POULTRY@ec.europa.eu

In-Nru tal-Ordni	Kwantità li attwalment iddaħħlet għaċ-ċirkolazzjoni libera	Il-pajjiż tal-oriġini